# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 17 ta' Mejju 2002

Citazzjoni numru 2598/96 AJM

Kawza numru

Formosa & Camilleri Ltd bhala agenti f'Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta' M. Demajo (Graphic Arts) Limited u b'nota tat-18 ta' Jannar 1999 is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti f'Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc assumiet l-atti tal-kawza minflokk is-socjeta' Formosa & Camilleri Limited
Vs
Valfracht Roro Line Limited armaturi tal-bastiment Lipa u The Cargo Handling Co. Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-21 ta' Awissu 1996 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi s-socjeta' M. Demajo (Graphic Arts) Limited importat mil-Germanja wiehed u ghoxrin pallets ta' 2/S

Coated paper li gew trasportati ghall-vjagg minn Antwerp lejn Malta bil-bastiment Lipa; illi wara li l-bastiment wasal Malta fis-16 ta' Settembru 1995 u l-importatur mar jirtira l-merkanzija importata, huwa sab li f'erba' pallets kontenenti 56000 folja karta kien hemm il-hsara li hija deskritta fis-schedule tas-Small Claim Information Form preparat mis-surveyor tal-Institute of London Underwriters; illi l-merkanzija kellha kopertura assikurattiva mas-socjeta' attrici, l-istess socjeta' attrici, kif obbligata, ghan-nuqqas u l-hsara li garrab l-importatur, hallset is-somma ta' elf tlett mija erbgha u telttin lira u tlettin centezimu (LM1334.30) li minnhom LM56 kienu survey fees u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur; illi s-socjeta' attrici rrikavat is-somma ta' tliet mija u sittin lira (LM360) mill-bejgh tal-erbgha pallets ta' karta danneggata lill-terzi; illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghan-nuqqas fuq riferit u ghalkemm interpellati biex jassumu responsabbilita' ghad-danni baqghu inadempjenti; talbet li din l-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom responsabbli ghan-nuqqas u l-hsara fuq riferit;
2. tikkundannahom, jew min minnhom, li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija erbgha u sebghin lira tlettin centezimu (LM974.30) rappresentanti l-bilanc ta' bejn id-danni nkluzi s-survey fees subiti mill-importaturi u sorrogati lis-socjeta' attrici u r-rikavat mill-bejgh tal-merkanzija danneggata, bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra s-socjetajiet konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' Valfracht Roro Line Limited presentata fit-30 ta' April 1997 li permezz taghha eccepiet:-

1. In linea preliminari, n-nullita' tac-citazzjoni li ma tindikax l-Qorti.
2. Illi s-socjeta' konvenuta mhux proprjetarja tal-vapur Lipa u ghalhekk ghandha tigi liberata bl-ispejjes.
3. Illi d-danni riskontrati mill-assikurat tas-socjeta' attrici ma gewx kagunati mis-socjeta' eccipjenti imma jew minn terzi jew mis-socjeta' l-ohra konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tas-socjeta' imsemmija u d-dokument minnha ezebit.

Rat in-nota tas-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd presentata fit-2 ta' Mejju 1997 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija 'de quo' giet sbarkata minn fuq il-vapur bil-hsara kif jirrizulta mil-Joint Tally Sheet Nru 80031.
2. Illi s-socjeta' konvenuta ma kienetx fi kwalunkwe kaz responsabbli ghall-hsarat u nuqqas allegat mis-socjeta' attrici u dana ai termini tar-Regolament Nru 86 dwar il-Portijiet ta' l-1966.
3. Illi ghandha tigi ezebita l-polza ta' assikurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-importatur u ghandu jigi ezebit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagament.
4. Illi ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' LM1278.30 bhala allegati danni.
5. Illi dwar is-survey fees hemm diversi sentenzi li jghidu li tali fees mhux dovuti peress li l-attur ma giex surrogat ghall-istess.

6. Illi l-imghax mhux dovut anqas stante li s-socjeta' esponenti ma gietx interpellata thallas ebda ammont determinat u qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u dan iktar u iktar meta s-socjeta' esponenti ma ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici hlief tramite polza.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mis-socjeta' imsemmija.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-30 ta' Novembru 2000 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-15 ta' Jannar 2001 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-4 ta' Settembru 1995 fil-port ta' Antwerp il-vapur Lipa operat mis-socjeta' Valfracht Roro Line Limited ghabba 21 pallets contenenti kwantita ta' karta maghrufa bhala 2S Coated paper ta' 'gross wieght' ta' 10,836 kilogrammi. Din it-tghabija giet dikjarata "clean on board" u cioe li telghet fuq il-bastiment minghajr ma gew riskontrati hsarat, u il-merkanzija kienet destinata ghas-socjeta' M. Demajo (Graphic Arts) Limited u kellha titwassal Malta fejn effettivament giet sbarkata fid-Deep Water Quay tal-Port il-Kbir, Valletta fis-16 ta' Settembru 1995.

Waqt li l-merkanzija kienet nizla minn abbord sabiex tinzamm fl-imhazen tas-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd, ir-rappresentanti tas-socjetajiet konvenuti li kienu qedin jghamlu "tally" tal-merkanzija li kienet qed titnizzel minn abbord, osservaw li zewg pallets kienu danneggati. Dan kif jirrizulta minn tally sheet li tinsab a fol 25 tal-process.

Il-merkanzija giet irtirata mill-burdnar tas-socjeta' M. Demajo (Graphic Arts) Ltd fis-26 ta' Settembru 1995 u waqt li din kienet hierga mill-"compound" tal-Cargo Handling gie osservat li issa kien hemm tlett pallets danneggati. Dan kif jidher mill-Gate Pass Out a fol 135 tal-process.

Ir-rappresentant tas-socjeta' M. Demajo (Graphis Arts) Ltd xhed li huwa kien gie infurmat mill-impjegati ta' din is-socjeta' li meta l-merkanzija waslet fl-imhazen taghhom kien instab li kien hemm erbgha pallets danneggati u ghalhekk, fit-2 ta' Ottubru 1995 din is-socjeta' kitbet lill-assikurazzjoni attrici dwar din il-hsara sabiex tirkupra t-telf subit. Din l-ittra jidher li waslet ghand is-socjeta' attrici fl-4 tal-istess xahar u bhala konsegwenza s-surveyor tas-socjeta' attrici attenda fl-imhazen ta' Demajo fil-5 ta' Ottubru fejn ghamel survey u ikkonstata l-hsara li kien hemm fil-merkanzija u cioe l-erbgha pallets.

Il-claim giet accettata u s-socjeta' attrici hallset lill-assikurat taghha is-somma ta' LM1278.30 u giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat kif jidher mid-dokument a fol 12 tal-process. Is-socjeta' attrici izda irnexxilha taghmel "recovery" ta' parti mill-ammont imhallas billi bieghet l-merkanzija danneggata u rkuprat is-somma ta' LM360 biex b'hekk l-ammont in disputa huwa ta' LM918.30, oltre s-somma ta' LM56 spejjes tas-survey report.

Ikkunsidrat:-

Mill-fatti fuq esposti ma hemmx dubbju li l-"carrier" huwa responsabbli ghal hsara li grat f'zewg "pallets" billi jirrizulta li, filwaqt li merkanzija tghabbiet f'kundizzjoni tajba, meta giet skarikata minn abbord, kien hemm hsara f'dawn iz-zewg pallets. Huwa daqstant car ukoll li s-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd hija ukoll responsabbli ghal parti mill-hsara u dana billi jidher li waqt li din il-merkanzija kienet taht il-kontroll taghha, pallet wiehed gralu l-hsara. Dan kollu kif jirrizulta mid-dokumenti imsemmija.

Daqstant din il-Qorti ma tistax issib responsabbilita' fil-konvenuti ghar-rigward tar-raba' pallet u dana billi ma jirrizulta bl-ebda mod li din grala hsara waqt li l-merkanzija kienet f'idejn u taht il-kontrol taghhom. F'dan ir-rigward jigi osservat li ma ingiebet ebda prova u ghalhekk filwaqt li din il-Qorti tosserva li din il-hsara fir-raba' pallet setghet grat waqt it-tragit mill-port lejn l-imhazen tas-socjeta' Demajo, jew sahansitra fl-imhazen tal-istess socjeta, ma ssibx htija fil-konvenuti.

Issa jidher li ma kien hemm ebda distinzjoni bejn pellat u iehor, la fil-kwantita ta' karta li dawn kien fihom u lanqas fil-valur. Isegwi li t-talba attrici ghandha tigi limitata ghal tlett kwarti mill-ammont pretiz ghal hsara u cioe LM688.72 u li zewg terzi minn dawn id-danni, cioe LM459.15 ghandhom jigu sopportati mill-carrier filwaqt li l-Cargo Handling ghandha tbati terz u cioe LM229.58.

Ikkunsidrat:-

Fir-rigward tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' Valfracht jigi osservat fl-ewwel lok li ma tresqet ebda prova in sostenn ta' l-ewwel eccezzjoni meta l-aktar haga facili kienet tkun li din is-socjeta' tipprezenta kopja tac-citazzjoni li hija rcevit. Izda fi kwalunkwe kaz jigi rilevat li llum ma hemm ebda Qorti ohra ta' prim istanza f'materja kontenzjuza, apparti il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghalkemm fil-formula tac-citazzjoni ghadha tissemma il-Qorti tal-Kummerc. Inoltre la darba c-citazzjoni giet ppresentata fir-registru tal-Qorti ta' Malta ma setghax il-konvenut haseb li l-proceduri kellhom jitkomplew fil-Qorti ta' Ghawdex Superjuri Civili. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda mhux biss billi ma tirrizultax izda billi hija ukoll bla ebda bazi.

Dwar it-tieni eccezzjoni qed jigi sottomess mid-difensur tas-socjeta' Valfracht li din is-socjeta' hija agenta tal-vapur u mhux proprjetarja tieghu. Din is-sottomissjoni hija kontradetta mix-xhieda tal-istess Mario Tellus, rappresentant tas-socjeta' Valfracht, li kkonferma li din is-socjeta' hija "charterer" tal-vapur Lipa. Dan wara kollox jirrizulta mill-istess Bill of Lading mahruga mill-istess socjeta'.

Issa kif huwa ben risaput r-responsabbilita' ghal merkanzija li tkun qed tingar tghaddi fuq ic-charterer ta' vapur li jkollu l-kontroll effettiv tieghu ad eskluzjoni tas-sid l-istess vapur.

Fir-rigward ta' dak li intqal dwar n-nuqqas ta' responsabbilita' ghal dak li jitghabba abbord billi l-Bill of Lading giet iffirmata mil-Kaptan li huwa impjegat ta' sid il-bastiment, jigi osservat li dan mhux minnu billi min iffirma l-polza ta' kariku u cioe Herfurth & Boutmy N.V. ghamlu hekk "*as agents for Valfracht Roro Line Limited."*

Dwar l-eccezzjonijiet tas-socjeta' The Cargo Handling din il-Qorti mhux ser terga tirrepeti dak li qalet f'diversi pronunzjamenti precedenti fir-rigward billi ukoll dawn, hlief ghall-eccezzjoni numru hamsa (5), mhux eccezzjonijiet validi u ghalhekk qedha tichadhom, hlief ghal hames eccezzjoni..

Fl-ahharnett hemm il-kwistjoni tas-survey fees li qed jigu reklamati mis-socjeta' attrici. Id-difensur tal-attur stieden lill-Qorti sabiex terga tikkunsidra l-posizzjoni taghha dwar l-ammissibilita' ta' din il-claim u anke ghamel referenza ghall-gurisprudenza nostrana. Din il-Qorti izda ma tistax tikkondividi s-sottomissjoni tal-abbli difensur u dana ghas-semplici raguni li l-kawza hija istitwita mis-socjeta' attrici nkwantu din giet surrogata mill-assikurat taghha bhala konsegwenza ta' ammont imhallas fuq claim maghmul a bazi tal-polza. Li spejjes inkorsi sabiex issir s-survey jistghu u ghandhom jigu rkuprati izda bl-ebda mod dawn ma jistghu jifforma parti mit-talba kif proposta nkwantu ma tezisti ebda surroga fir-rigward.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti responsabbli ghall-parti mid-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont mhux eccedenti s-somma ta' sitt mija tmienja u tmenin lira maltin tnejn u sebghin centezimu (LM688.72) billi s-socjeta' Valfracht Roro Line Limited tirrispondi ghall-zewg terzi minn dan l-ammont u cioe is-somma ta' erba' mija disa' u hamsin lira maltin u hmistax-il centezimu (LM459.15), u is-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd tirrispondi ghall-terz minn dan l-ammont u cioe is-somma ta' mitejn disa' u ghoxrin lira maltin tmienja u hamsin centezimu (LM229.58) u ghalhekk tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti

jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammonti hawn imsemmija, bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghal kwart mis-socjeta' attrici, nofs mis-socjeta' Valfracht Roro Line Limited u kwantu ghall-kwart iehor mis-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.

Hon Imhallef Albert J. Magri